# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001**

**Numru 47**

**Citaz. numru: 644/99 M1 NA**

**Grace Abela**

**vs**

**Joseph Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-16 ta' Marzu 1999 fejn ippremettiet:

"Illi bejn il-kontendenti giet dikjarata s-separazzjoni bejn il-partijiet u l-attrici ghandha dritt ghall-manteniment ta' nofs il-pensjoni Awstraljana;

Illi dan l-ammont hu esegwu;

Illi l-konvenut ghandu pensjoni ohra li hu ma semmiex tul il-kawza u l-attrici saret taf biha wara;

Illi l-attrici qed tircievi medja ta' fix-xahar li hu anqas mill-pensjoni tas-Servizzi Socjali;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiffissa retta alimentarja minn ghand il-konvenut favur l-attrici, li tiehu in konsiderazzjoni l-introjtu kollu tal-konvenut."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta' Jannar 2000 fejn eccepixxa illi:

1. "L-eccipjent jissomministra lill-martu l-attrici - regolarment u minghajr inadempjenzi - dak il-manteniment li kien ordnat ihallasha skond sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti - diversament presjeduta - moghtija fit-30 ta' April 1997 fil-kawza fl-ismijiet "Grace Abela vs

Giuseppe Abela" (Citaz. Nru. 956/88/FD) [Dokument "A"];

2. Dan il-manteniment kien stabbilit wara li kienu konsiderati c-cirkostanzi kollha rilevanti, fosthom il-fatt li giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba nuqqasijiet attribwibbli principalment lill-attrici, kif ukoll id-dhul **kollu** ta' l-eccipjent li - fil-mori tal-kawza, kif jirrizulta mill-ittra tas-17 ta' Jannar 1996 li l-konsulent legali precedenti ta' l-attrici kien ircieva minghand il-konsulent legali ta' l-eccipjent (Dokument "B") u minn fatti ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, il-manteniment li l-eccipjent qed jissomministra lill-attrici martu huwa aktar milli sufficjenti ghall-bzonnijiet taghha, tenut kont anke tal-fatt li bis-sahha tas-sentenza fuq citata hija ppercepiet kapital sostanzjali li jippermettilha tghix hajja komda;

4. Ghalhekk it-talba ta' l-attrici ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontra taghha ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnu esebiti.

Rat ix-xhieda mressqa mill-attrici permezz ta' Affidavit tas-7 ta' Frar 2000, li ghalih sar il-kontro-ezami fis-seduta tat-28 ta' April 2000 (Jinghad illi ghal xi zmien il-process ma kienx ghad-disposizzjoni tal-Qorti - vide verbali 2 u 14 ta' Marzu 2000).  Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2000 xehdet Madre Salvina Fenech mil-Little Sisters of the Poor fejn ghal xi zmien ilha residenti l-attrici.  Il-konvenutipprezenta x-xhieda tieghu b'affidavit fl-10 ta' Novembru 2000, sarlu l-kontro-ezami u ri-ezami fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2000 f'liema seduta xehed ukoll Dr. Raymond Zammit, l-Avukat precedenti ta' l-attrici, li gie ezentat mis-sigriet professjonali.  Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2000 il-kawza giet estensivament ittrattata mill-Avukati rispettivi u differieta ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza hija difficli fis-semplicita' taghha partikolarment konsiderat l-eta' tal-kontendenti w il-fatti specie kollha tal-kaz.

L-attrici kienet bdiet kawza ta' separazzjoni personali fl-1988 liema kawza giet deciza biss fit-30 ta' April 1997, anqas minn sentejn qabel ma giet proposta l-kawza odjerna. F'dik is-sentenza minkejja li din il-Qorti, diversament presjeduta, waslet ghall-konkluzzjoni li z-zwieg ta' din il-koppja tfarrak principalment tort ta' l-attrici nonostante ma ordnatx id-dekadenza ta' l-attrici mid-dritt ghal-alimenti liema talba giet akkolta minn dik il-Qorti b'dan il-mod: "*Il-Qorti tiddisponi wkoll il-hames domanda li giet mizjuda wara d-digriet tas-7 ta' Frar 1991 billi tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala retta alimentari nofs l-ammont illi huwa jircievi bhala pensjoni mill-Awstralja.*"

Mhuwiex ikkontestat illi apparti minn din il-pensjoni Awstraljana l-konvenut jippercepixxi wkoll pensjoni Maltija. Din beda jirceviha wara li kien sar arrangament, skond hu, bejn il-Gvern Malti u Awstraljan, pero' ma jidhirx illi huwa kkontestat illi dan kien fil-mori tal-kawza tas-separazzjoni u li, qabel is-sentenza finali, kien qed jibghat, minn jeddu, wkoll nofs din il-pensjoni lill-martu. Wara s-sentenza u in vista

taghha waqaf milli jkompli jaghmel dan. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak iddikjarat l-attrici fil-premessi citattivi, hija kienet taf ukoll b'din il-pensjoni Maltija jew almenu missha kienet taf (ara partikolarment l-ittra Dokument "NVA11 a fol. 101 tal-process iddatata 19 ta' Jannar 1996 sentejn qabel ma inghatat is-sentenza).

Ikkunsidrat:-

Illi mil-lat legali dak mitlub mill-attrici jaqa' fil-paramentri ta' l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili, apparti milli huwa principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi l-obbligu tal-manteniment jista' jkun varjat mill-Qorti fejn ic-cirkostanzi tal-partijiet ikunu nbidlu. Huwa minnu dak li jsostnu l-konvenut illi fiz-zmien minn meta inghatat is-sentenza tal-firda c-cirkostanzi tal-partijiet ma tantx setghu nbidlu. Tibdil pero' kien hemm sew fil-bzonnijiet ta' l-attrici mil-lat ta' kura medika sew fl-introjtu tal-konvenut biz-zidiet li kien hemm anke f'dawn l-ahhar sentejn almenu fil-hlasijiet illi huwa jircievi mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Dan jinghad mhux biss ghax huwa fattwalment minnu pero' wkoll biex jigi segwit il-vot tal-ligi kif imfisser fl-istess Artikolu 54 tal-Kodici Civili ghax ir-raguni principali l-ghala din il-Qorti jidhrilha illi t-talbiet attrici

ghandhom ikunu parzjalment milqugha hija li hija verament temmen li din l-istess Qorti diversament presjeduta ghad-dirittura ma kkonsidratx il-pensjoni Maltija fl-ghotja tas-sentenza taghha. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan jidher car miz-zewg brani tas-sentenza fuq imsemmija li sejrin jigu kkwotati.

"*Illi dwar il-manteniment ma tantx tressqu provi w il-Qorti tosserva illi l-kontendenti huma t-tnejn anzjani u ma ngibux provi dwar xi introjti li qed jircievu z-zewg partijiet.*"

U aktar tard:

"*Illi fix-xhieda li l-konvenut ta quddiem din il-Qorti huwa kkonferma illi bhala pensjoni huwa kien jircievi sitt mija u tnax (612) il-dollaru Awstraljan fix-xahar u li dawn kienu jinqasmu bejn il-kontendenti.*

*Din il-posizzjoni, oltre ghall-awment fil-pensjoni li tithallas hija konsonanti mad-digriet moghti mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru 1988.*"

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiffissa retta alimentari mensili addizzjonali ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fix-xahar li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici, l-ewwel skadenza fl-ahhar ta'

dan ix-xahar u dan oltre nofs il-pensjoni Awstraljana li qieghdha prezentement tithallas u li ghandha titkompla tithallas bl-istess modalitajiet.

Fir-rigward invece ta' l-ispejjez tal-kawza dawn ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-attrici ghax huwa principalment, jekk mhux unikament, in-nuqqasijiet taghha li nnecessitaw li jsiru dawn il-proceduri.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.